# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju, 2019**

**Rikors Numru : 514/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**RD**

**vs**

**MDM**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' RD, datat 21 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-22 ta' Novembru 1998 gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Hal Ghaxaq (Certifikat taz-zwieg hawn anness Dok.A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, N u K , ahwa M li twieldu fid-9 ta' Mejju 20 u fis-6 ta' Dicembru 2002.*

*Illi l-imsemmija konjugi nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn nutar Dottor Liza Schembri fit-13 ta' Novembru 2013 (Dok B).*

*Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (klawzola 4 tal-istess kuntratt).*

*Illi l-kura u l-kustodja tat-tfal kienet giet fdata konguntivament bejn il-partijiet u kien miftiehem illi r-residenza taghhom ghandha tkun mar-rikorrenti illi pero' sussegwentement it-tfal bdew jirrisjedu mal-intimat filwaqt illi l-esponenti bdiet tezercita access liberu ghal uliedha bi ftehim u l-esponenti thallas manteniment ghall-bzonnijiet ta' uliedha skond ftehim milhuq bejn il-partijiet u arretrati ta' manteniment m'hemmx.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

*Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Illi l-esponenti qeghda tipprezenta affidavit taghha li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.C.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**RD** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Novembru 1998 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-13 ta' Novembru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, versu liema jithallas manteniment b'mod regolari, u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MDM** xehed *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tat-22 ta' Novembru 1998 (vide Dok.A certifikat taz-zwieg a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Novembru 2013, fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri (vide Dok B a fol A et seqq.). Jirrizulta wkoll illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied.

Gie sodisfacentement stabbilit illi m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**